**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 298/16 AL

AB
vs.
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurrament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgha w disghin (1997) (**Dok. A**), u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied.

Illi l-partijiet resqu ghal kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Debono datat is-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) (**Dok. B**).

Illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba' snin mifrudin fattwalment.

Illi l-esponent jissottometti illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti mill-partijiet.

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

i. Illi hija taqbel mat-talba tar-rikorrenti li ghandu jigi ppronunzjat id-divorzju ai finijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili;
ii. Illi ma hemm ebda kwistjoni pendenti bejn il-partijiet riferibbilment ghall-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2016 ;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mia-16 ta’ Dicembru , 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.